**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U ĦAMSIN** **24 TA' APRIL, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera, Dr Tiffany Ann Attard, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Kaydem Schembri informa li ma setgħax jattendi msa mis-seduta preċedenti.
Il-Viċi Sindku informa b'telefonata li ma setgħax jattendi.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **59.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 59.1.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri informa li ma setgħax jattendu minħabba xogħol. Waqt is-seduta ċempel il-Kunsillier Kenneth Farrugia biex jinforma li ser jattendi tard. Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia infurmha li ma kienx ser ilaħħaq jattendi. |
| | | |
| **59.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 59.2.1 | | Is-Sindku introduċiet lill-President tar-Reġjun Punent is-Sur Sandro Azzopardi li ġie għal din is-seduta. Il-President tar-Reġun Punent awgura lill-Kunsilliera li ser jerġgħu jikkontestaw filwaqt li rringrazzja lil dawk li ħadmu u mhux ser jerġgħu jikkontestaw. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Hu qal prosit tal-attivita tal-Apokalissi u qal li f'din l-attivita' inġabru 1390E li intbagħtu lill-Community Chest Fund.<br>Il-President tar-Reġjun Punent fakkar lill-Kunsill li :<br>Fis-17 ta' Mejju, ser ikun hemm AGM u fil- 31 ta' Mejju ser issir l-launch tal-ktieb li ser joħroġ ir-Reġjun, tali attivita ser issir fil-kappella ta' Sant Agatha fir-Rabat. |
| | | |
| 59.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmienja u ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***59.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 59.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Prosit fuq l-attivita' Apokalissi u irringrazzjat lir-Reġjun Punent tal-għajnuna li taw fl-attivita' u lil dawk kollha li ħadmu minn wara l-kwinti. |
| | | |
| ***59.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 59.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-impenn u t-tisħieħ li sar fl-Orkestra deher fl-attivita' tal-Apokalissi u minn qalbu irringrazzja lil kull min ta sehemu.<br>Hu qal li mmeddjatament diġa qed jaħsbu għall-futur tal-orkestra, biex fis-16 ta' Mejju 2025, jkun hemm attivita' fil-Belt Valletta fi Pjazza San Gorg, fejn lill-Kunsill mhu ser tiswieħ xejn. Is-Sindku Rita Grima qalet li hi ma tistax tikkommetti ruħha għall-Kunsill il-ġdid. |
| | | |
| 59.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Kellmuh tnejn min-nies li għandhom l-għelieqi tagħhom fejn il-kamra tan-nar ta' Ħal Kirkop. Dawn wrew dubji jekk issa għadhomx fil-periklu. Hu talab li jekk tali kamra tinsab fil-konfini taż-Żurrieq, il-Kunsill jitlob biex jiċċekja jekk il-kamra hix f'kundizzjoni tajba u x-xogħol li qed isir jinsabx illiċenzjat. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Infurmat li f'Misraħ Repubblika hemm propjetajiet li ser isiru guest houses jew coffee shops. Jekk kemm il-darba jiġri hekk, il-Kunsill għandu jidħol f'arranġament mal-Lands Authority, biex meta joħorġu l-permessi għalihom għall-imwejjed u siġġijiet, fejn f'każ illi l-Pjazza, l-Kunsill lokali jew Soċjetajiet ikollu bżonnha għal attivita' tagħhom ma jsibux diffikultajiet biex tintuża mingħajr l-imwejjed u siġġijiet. Dawn m'għandhomx jimponu dan minħabba finijiet kummerċjali. Fil-kuntratt għandu jkun hemm miktub li jekk ser jingħataw permess għall-imwejjed u siġġijiet jitħallew quddiem il-propjeta tagħhom biss. Il-pjazza trid tibqa taż-Żrieraq, ikun min ikun li xtara l-propjetajiet fil-pjazza.<br>• Vjal il-Blue Grotto fejn qed issir bankina ġdida li 'l quddiem ser issir bis-siġar. Staqsa jekk hux ser isir barrier għal ilquġħ ta' xi inċident. Is-Sindku qalet li m'hemmx il-ħsieb ta' barriers. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fi Triq G M Callus wara li reġa sar it-tarmakk, saru l-linji tal-parkeġġ mhux kif mixtieq mir-residenti. Is-Sindku qalet li x-xogħol ser jitranġa mill-kuntrattur tal-Kunsill. |
| | | |
| 59.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Residenta fi Triq l-Iskulturi Fabri, tixiteq iżżomm persuna b'diżabilta għandha u tixtieq kaxxa quddiem il-bieb biss biex tkun tista ddaħħalha fid-dar temporanja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Minġel jixtiequ li ssir bankina k/m Triq Sant Agatha. Kien hemm qbil li jinġieb il-permess minn TM.<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto, biex il-vetturi jevitaw it-traffic lights qed jgħaddu mis-service road. Talab biex isir xi ħaġa. Ma kienx hemm qbil.<br>• Talab x'hini l-pużizzjoni tal-Kunsill fuq il-permess mitlub fl-akwata tal-Bebbux. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-konsulenti tal-PA, tal-Kunsill u dawn qed jifformolaw ittra u din ser titressaq lill-Kunsilliera b'email u tittieħed deċiżjoni minn hemm, kif sar fuq applikazzjonijiet simili. |
| | | |
| 59.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• li wasal iż-żmien biex għal waqt il-monti fi Vjal il-Blue Grotto jsir xi ħaġa, qabel isir xi inċident. Qed isir parkeġġ fuq barra tas-service road. Wasal iż-żmien biex il-pulizija jibdew jgħatu t-taħrikiet meta jkun hemm vetturi pparkjati ħażin. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-community police ħlief biex jieħdu r-ritratti f'attivitajiet u jtellugħhom fb ma jagħmlux. Hu qal li s-sistema mhux taħdem. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija.<br>• li l-Gvern qed joffru 50 siġra taċ-ċitru jew żebbuġ għall-prezz ta' 10E 'l waħda (Proġett ġonna fl-Urban). Ma instabx post fejn jitħawlu tali siġar.<br>• Fi Triq Bronja hemm barumbara ta' minn żmien il-kavallieri u kienet tintuża mid-dejma bħala ħabs. Hi privata u tappartjeni lil żewġ aħwa. Jeħtieġ li l-Kunsill jieħu ħsieb ta' din il-barumbara, li s-sidien lesti li jgħatuha lill-Kunsill. Din tista tinħatt u terġa tinbena x'imkien ieħor. Il-President tar-Reġjun, qal li jista isir infurzar biex tali barumbara titranġa u mhux titwaqqa u tinbena x'imkien ieħor. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa mal-propjetarji, u wara jekk ikun il-bżonn il-Kunsill jibgħat ittra lill-Ministru tal-Kultura u l-Ministru tal-Artijiet biex jieħdu ħsieb din il-barumbara u l-Kunsill jikkuntatja lill-pulizija u lis-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali biex jieħdu ħsieb il-periklu tagħha. |
| | | |
| 59.4.6 | | Il-President tar-Reġjun is-Sur Sandro Azzopardi qal li ż-Żurrieq hu l-aktar lokalita li sseparat skart minn Reġjun sħiħ. Hu żied jgħid li l-ilmenti li jitressqu dejjem |

| | | |
|---|---|---|
| | | jittieħdu passi fuqhom. Il-mobile tiegħu jafu kulħadd u kull ilment jista jitressaq dirett lilu u jittieħdu passi.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia daħal għas-seduta fis-19:30 |
| | | |
| 59.4.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• hemm bżonn tindif fi Triq Fra Gammarie Zammit, Triq is 16 ta' Lulju, Triq il-Wardija u ġnien fi Triq in-Nigret. |
| | | |
| ***59.5*** | | ***Riżenja ta' skrivana u akanza ta' skrivan/a mall-Kunsill Lokali*** |
| | | |
| 59.5.1 | | Fl-10 ta' April, 2024, il-Kunsill irċieva ittra ta' riżenja mingħand l-impjegata Sharon Bartolo. Din għandha 3 xhur notice x'jinħadem.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li persuni irreġistrati ma' Jobsplus ma kien hemm ħadd interessat u issa inħarġet call fuq fb. Issa minflok tidħol persuna waħda, jridu jidħlu żewġ persuni.<br><br>Il-bieraħ it-Tlieta 23 ta' April, saru l-ewwel interviews ta' dawk li daħlu sal-ġimgħa ta' qabel. Kienu magħjta jattendu għall-interviews 10 persuni, imma attendew 8. Issa jsir short listing u jerġa jsir interview ieħor/jiġu fl-uffiċċju jaraw ix-xogħol ta' dak li applikaw għalih u fl-istess ħin iż-żewg partijiet jkunu ċerti minn dak li ser jidħlu għalih. Din il-ġimgħa daħlu żewġ applikazzjnijiet oħra li ma kellhomx ir-rekwiżiti mitluba. Meta ikkuntatjat lid-DG, is-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata li għal dawk li m'għandhomx ir-rekwiżiti mitluba m'għandux jsir interview. |
| | | |
| ***59.6*** | | ***Iffirmar ta' MOU ma' Cleansing and Maintenance Division*** |
| | | |
| 59.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali ġie mitlub li jiffirma MOU ma' Clean Malta – Cleansing and Maintenance Division, għal 5 snin. Dan sabiex l-allokazzjoni li l-Gvern jgħati lill-Kunsill Lokali fuq tindif ta' toroq tagħddi mill-ewwel lil Clean Malta biex huma jagħtuna s-servizz tal-knis. Kien hemm qbil li d-draft ta' dan l-MOU jintbagħtat b'email lill-Kunsilliera kollha u wara tittieħed deċiżjoni permess tal-email. |
| | | |
| ***59.7*** | | ***Data għal-laqgħa annwali tal-komunita'*** |
| | | |
| | | Id-data tal-laqgħa kien hemm qbil li tkun it-22 ta' Mejju, 2024 fis-18:00. |
| | | |
| ***59.6*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 59.6.1 | | Ġie ppreżentat ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart maqħdum mill-accountant tal-Kunsill. Dan hu r-rapport tal-ewwel kwart tas-sena 2024 |
| | | |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **59.7** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***59.8*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 59.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• Kienet saret talba biex triq li tinsab bejn il-Laboratorju tal-Paċi u Triq Hal Far fiż-Żurrieq, tingħata isem. Il-Kunsill ta' Birżebbuga għamel proposta biex din tissemma Triq il-Laboratorju tal-Paċi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-kumitat ismijiet tat-toroq issuġġerixxa lill-Kunsill Lokali biex Triq l-Imwieġel – il-parti li minn wara ċ-ċimiterju tagħti lejn il-kamra tan-nar ta' Santa Katrina, tingħata isem ieħor minħabba li fiha issa qed joqgħodu residenti. Is-Sindku ssuġġeriet li tissemma Triq il-Vitmi tan-nar Żrieraq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tal-ilmenti li saru fl-aħħar seduta fuq is-servizz tal-ġbir tal-iskart, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saret laqgħa bejn ir-Reġjun Punent, il-kuntrattur u l-Kunsill, fejn kulħadd kien mistieden jattendi. Ġew diskussi l-punti li tqajmu u l-Kunsill ġie mwiegħed li ser tittieħed azzjoni fl-immedjat.<br>• Persuna nieqsa mid-dawl u b'marda ta' cancer, applikat għal parkeġġ riservat u peress li m'għandix vettura f'isimha, t-talba ma ġietx aċċettata. Familjari tagħha qed jitolbu li jekk il-Kunsill ma japprovax parkeġġ temporanju riservat, tal-inqas isir wieħed komunali fit-triq fejn tgħix biex tkun tista tużah meta jkollhom bzonn joħduha l-isptar ta' sikwiet. Kien hemm qbil li ssir kaxxa temporanja.<br>• Il-Kunsill ġie mitlub li jagħżel isem għall-iskola Primarja ta' San Benedittu fiż-Żurrieq. Is-Sindku proponiet l-isem ta' Ms Ursula Gauci, li kienet tagħti ikel lit-tfal bla ħlas u kienet tagħti privatijiet bla ħlas, dan barra xogħol professjonali tagħha bħala għalliema. Il-Kunsillier Marisa D'Amato semmiet lil Miss Camilleri Katie. Il-Kunsillier Dino Bonnici ipproponew lil Pietru Pawl Saydon. Is-Sindku qalet li Pietru Pawl Saydon diġa għandu isem ta' triq u monument għalih. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qablet magħha. Dan il-punt ser jitressaq fis-seduta li jmiss. |
| | | |
| 59.8.2 | | Is-Segretarju Eżekttiv qalet li membri tal-armar taż-żewġ soċjetajiet avviċinaw lis-Sindku biex isir ftehim fuq s-servizz li ż-żewġ soċjetajiet jgħatu lill-Kunsill fuq l-armar tal-Milied. Kien sar qbil li jingħataw 2K kull wieħed fis-sena, biex jarmaw Triq P P Saydon, biswiet il-Knisja ta' Bubaqra u l-arbli fi Vjal il-Blue Grotto li magħhom jingħaddu il-cables minn terzi sabiex jinxtegħel il-palm. Ser isir iffirmar ta' kuntratt bejn iż-żewġ partijiet. |
| | | |
| 59.7.3 | | It-tender tal- Tender for the supply, installation and maintenance of a smart parking system in the Urban Centre of Iz-Zurrieq, infetħet u kien hemm 7 offerenti<br>• Automation System Ltd – 64950e<br>• G4S Security Service - 126245E<br>• A Plus Solution Ltd – 72650E<br>• AIS Technology Ltd – 84482E |

| | | |
|---|---|---|
| | | • CVA – 73417E<br>• Handson Systems Ltd – 73755E<br>• Yaza Tech Ltd – 64672E<br><br>Kien hemm qbil li l-adjudicators ikunu l-Kunsilliera Tiffany Ann Attard u Kyle Mifsud u l-konsulent tar-Reġjun Punent is-Sur Neil Muscat. |
| | | |
| | | |
| ***59.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 59.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 33. |
| | | |
| ***59.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 59.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' **€92,344.97**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u mill-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***59.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 59.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju, 2024, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' ĠUNJU, 2024.

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**